# QORTI TAL-APPELL KRIMINALI

**Onor. Imħallef Dr. Neville Camilleri**
**B.A., M.A. (Fin. Serv.), LL.D., Dip. Trib. Eccles. Melit.**

**Appell Numru 594/2016**

**Il-Pulizija**

**vs.**

**Vincent Etienne Vella**

Illum 13 ta' Settembru 2023

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet miġjuba kontra l-appellant **Vincent Etienne Vella**, detentur tal-Karta tal-Identita' bin-Numru 554380(M), akkużat quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) talli f'Awwissu 2009, u fix-xhur u snin ta' qabel, f'dawn il-Gżejjer, b'diversi atti magħmulin fi żminijiet differenti, iżda li jiksru l-istess dispożizzjoni tal-liġi u li ġew magħmula b'riżoluzzjoni waħda:

1. għamel atti ta' *money laundering* billi:

a. ikkonverta jew ittrasferixxa proprjeta' meta kien jaf li dik il-proprjeta' kienet direttament jew indirettament inkisbet, jew mir-rikavat ta', attivita' kriminali jew minn att ta' parteċipazzjoni f'attivita' kriminali, għall-iskop ta' jew skopijiet ta' ħabi jew wiri ħaġa b'oħra ta' l-oriġini tal-proprjeta' jew ta' għoti ta' għajnuna lil xi persuna jew persuni involuti jew konċernati f'attivita' kriminali, u/jew;

b. ħeba jew wera ħaġa b'oħra tal-veri xorta, provenjenza, lok, dispożizzjoni, moviment ta' jeddijiet rigward, fi jew fuq proprjeta', meta kien jaf li dik il-proprjeta' kienet inkisbet direttament jew indirettament minn attivita' kriminali jew minn att jew atti ta' parteċipazzjoni f'attivita' kriminali, u/jew;

c. akkwista proprjeta' meta kien jaf li l-istess proprjeta' kienet inkisbet jew oriġinat direttament jew indirettament minn attivita' kriminali jew minn att jew atti ta' parteċipazzjoni f'attivita' kriminali, u/jew;

d. bir-ritensjoni mingħajr skuża raġonevoli ta' proprjeta' meta kien jaf li l-istess proprjeta' kienet inkisbet jew oriġinat direttament jew indirettament minn attivita' kriminali jew minn att jew atti ta' parteċipazzjoni f'attivita' kriminali, u/jew;

e. ittenta jagħmel il-ħwejjeġ jew attivitajiet illegali fuq imsemmija;

2. fl-istess dati, lokalitajiet u ċirkostanzi, approprja ruħu, billi dawwar bi profitt għalih jew għal persuna oħra, is-somma ta' madwar mija u tmienja u disgħin elf Euro (€198,000) għad-dannu ta' CBM Bookmaker International Limited, liema somma ġiet fdata jew ikkunsinnata lilu taħt titolu illi jġib miegħu l-obbligu tar-radd tal-ħaġa jew li jsir użu minnha speċifikat, liema somma ġiet fdata lilu minħabba l-professjoni, industrija, kummerċ, kariga, jew servizz tiegħu;

3. fl-istess dati, lokalitajiet u ċirkostanzi, b'mezzi kontra l-liġi jew billi għamel użu ta' ismijiet foloz, jew ta' kwalifiki foloz, jew billi nqeda b'qerq ieħor, ingann jew billi wera ħaġa b'oħra sabiex iġiegħel titwemmen l-eżistenza ta' intrapriżi foloz, jew ta' ħila, setgħa fuq ħaddieħor jew ta' krediti immaġinarji, jew sabiex iqanqal tama jew biża' dwar xi ġrajja kimerika, għamel qliegħ b'qerq ta' madwar mija u disgħin elf Euro (€198,000) għad-dannu ta' CBM Bookmaker International Limited.

Il-Qorti ġiet mitluba sabiex, f'każ ta' ħtija, barra li tinfliġġi l-pieni stabbiliti mil-liġi, tordna wkoll il-konfiska tal-oġġetti kollha eżebiti.

Il-Qorti ġiet mitluba wkoll sabiex, f'każ ta' ħtija, tikkundanna lill-imputat għall-ħlas ta' spejjeż li jkollhom x'jaqsmu mal-ħatra ta' esperti jew periti fil-proċeduri hekk kif ikkontemplat f'Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Il-Qorti ġiet mitluba wkoll sabiex tapplika *mutatis mutandis* id-dispożizzjonijiet ta' Artikolu 5 tal-Att kontra l-*Money Laundering* (Kapitolu 373 tal-Liġijiet ta' Malta) hekk kif ikkontemplat f'Artikolu 23A(2) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali tat-30 ta' Novembru 2016, fejn il-Qorti, filwaqt li astjeniet milli tieħu konjizzjoni ulterjuri tat-tielet (3) imputazzjoni miġjuba fil-konfront tal-imputat, wara li rat Artikoli 17, 18, 23, 31, 293, 294 u 310(1)(a) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta kif ukoll Artikolu 3 tal-Kapitolu 373 tal-Liġijiet ta' Malta, sabet l-imputat ħati tal-imputazzjonijiet l-oħra kollha u kkundannatu għaxar snin priġunerija u multa ta' ħamsa u disgħin elf Euro (€95,000). Il-Qorti ordnat il-konfiska favur il-Gvern ta' Malta tal-flejjes involuti f'dan il-każ, kif ukoll tal-proprjeta' mobbli u immobbli ta' l-imputat kif stipulat f'Artikolu 3(5) tal-Kapitolu 373 tal-Liġijiet ta' Malta. B'applikazzjoni ta' Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti ordnat lill-imputat biex iħallas lir-Reġistratur tal-Qorti s-somma ta' elf, seba' mija u erbgħa u tmenin Euro u ħamsin ċenteżmu (€1784.50) rappreżentanti

spejjeż inkorsi in konnessjoni mal-ħatra tal-esperti, liema ħlas kellu jsir fi żmien sena. Finalment, il-Qorti ordnat lill-Kummissarju tal-Pulizija sabiex jinvestiga jekk f'dan il-każ jeżistux l-estremi legali li jsawwru r-reati kkontemplati fil-Kapitolu 373 tal-Liġijiet ta' Malta, partikolarment f'Artikolu 3 tal-istess Kapitolu u dan primarjament fil-konfront ta' Emanuel Vella (missier l-imputat) u b'hekk ordnat li kopja tal-atti u tas-sentenza jintbagħtu lill-Kummissarju tal-Pulizija sabiex jagħmel l-investigazzjonijiet kif ordnat.

Rat ir-Rikors tal-appellant ippreżentat fit-12 ta' Diċembru 2016 fejn talab lil din il-Qorti sabiex: *"tħassar u tirrevoka s-sentenza appellata u tillibera lill-esponent minn kull ħtija u piena, jew fil-każ li din l-Onorabbli Qorti ma tilqax l-appell in kwantu jitlob ir-revoka tas-sentenza appellata kif intqal, tirriforma s-sentenza appellata billi tikkonfermaha f'dik il-parti fejn il-Qorti sabitu ħati u tirrevokaha fejn ikkundannatu piena ta' priġunerija ta' disa' [sic!] snin u ta' multa ta' €95,000, u minflok tagħtih piena inferjuri, iktar ekwa u ġusta tenut kont taċ-ċirkostanzi."*

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Rat illi dan l-appell ġie assenjat lil din il-Qorti kif preseduta fid-9 ta' Jannar 2023 b'"Assenjazzjonijiet ta' Kawżi u Doveri" mogħti mis-S.T.O. Prim'Imħallef Mark Chetcuti.

Rat il-fedina penali aġġornata tal-appellant eżebita mill-Prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat it-traskrizzjoni tas-sottomissjonijiet bil-fomm li kienu saru quddiem din il-Qorti kif diversament preseduta.

Semgħet, fis-seduta tat-13 ta' Lulju 2023, lill-konsulenti legali jiddikjaraw li ma kellhom xejn aktar xi jżidu mas-sottomissjonijiet li kienu diga' saru quddiem din il-Qorti kif diversament preseduta.

**Ikkunsidrat**

Illi mis-sena 2007 sas-sena 2009 l-appellant kien *accounts clerk* mas-soċjeta' CBM Bookmaker International Limited u bħala parti mix-xogħol tiegħu hu kien responsabbli sabiex mill-kont tal-kumpanija jħallas l-ispejjeż li jkun hemm bżonn u sabiex ikun jista' jagħmel hekk kien ingħata aċċess għal *internet banking key*.

Illi skont il-*parte civile*, waqt ix-xogħol tiegħu l-appellant kien qed jagħmel ukoll trasferimenti favur il-kont ta' missieru. Minbarra dan, fost affarijiet oħra, jingħad li l-appellant ħallas ukoll arloġġ tad-ditta Rolex kif ukoll mar fuq vaganza. Dawn it-trasferimenti allegatament ħarġu meta, waqt li l-appellant kien fuq *leave,* id-direttur tiegħu nduna li kien hemm pagament mhux awtorizzat. Meta d-direttur tal-appellant ċempillu sabiex jitlob spjega, dan irrisponda li dan kien xi żball tal-bank u kien sejjer jara meta jerġa' jidħol ix-xogħol. Minflok reġa' daħal ix-xogħol, l-appellant irriżenja (Vol. I: Dok. "IC 5" – *a fol.* 15). Minn verifiki ulterjuri li għamlet il-*parte civile* jingħad li l-flejjes li nefaq l-appellant kienu ta' madwar tlitt mija u ħamsa u erbgħin elf Euro (€345,000).

Illi l-verżjoni tal-appellant hija kemmxejn differenti. Huwa jgħid li meta beda jaħdem mal-*parte civile* huwa kien beda f'Awwissu 2007 u ltaqa' mas-sid f'Settembru meta ġie Malta. Jispjega li huma kellhom il-passjoni tal-vetturi u li huma kienu jmorru tajjeb flimkien. L-appellant jgħid li għal ħabta tat-tieni ġimgħa ta' Novembru 2007 mar fuqu s-sid tal-kumpanija u qallu li kellu bżonn joħroġ xi flejjes mill-kumpanija imma ma setax jidher li kien huwa. Jispjega li għal dan il-għan huwa kien qed juża l-kont ta' missieru minħabba li b'hekk kien ikun eħfef jagħmel rikonċiljazzjoni. Ikompli jgħid li huwa kien jiġbed il-flus kontanti u kien jgħaddihom lis-sid tal-kumpanija Vincenzo Giuliano (Vol. IV – *a fol.* 1188).

Illi l-appellant ikompli billi jispjega li l-vetturi u l-mutur kien iħallashom Giuliano bħala rigal tax-xogħol li kien jagħmel. Jgħid ukoll li Giuliano kien iħallsu billi jħallilu xi flejjes minn dawk li kien jieħu mill-kumpanija. Jgħid li meta kien ċempillu Jovine Genovese huwa kien qallu li Giuliano kien jaf b'dawn il-flus u kellu jkellem lilu. Iżda dejjem skont l-appellant, Vincenzo

Giuliano ma kkonfermax din il-verżjoni minħabba li kien jirriskja li jitlef il-liċenzja. Sabiex ma jidħolx fin-nofs l-appellant jgħid li tefa' r-riżenja tiegħu. Jgħid ukoll li huwa gideb waqt l-istqarrija sabiex jipproteġi lil Vincenzo Giuliano u li waqt ix-xiehda tiegħu mogħtija fit-12 ta' Ġunju 2014 (Vol. IV – *a fol.* 1185 *et seq.*) huwa kien qed jgħid il-verita'.

Illi l-Qorti ser tgħaddi issa sabiex tagħmel il-konsiderazzjonijiet tagħha dwar dak imressaq mill-appellant fir-Rikors tal-appell tiegħu. Din il-Qorti filwaqt li tinnota li fir-Rikors tal-appell tiegħu l-appellant jgħid li *"l-aggravju huwa ċar u manifest"* (*a fol.* 1355 *tergo*), pero' fl-istess waqt l-appellant iressaq aktar minn aggravju wieħed. Dawn ma ġewx enumerati mill-appellant u ma kien faċli xejn għal din il-Qorti li tisseparahom sabiex tagħmel il-konsiderazzjoni tagħha hawn taht. Minħabba din ir-raġuni, din il-Qorti ser tagħmel riferenza għal dawk li huma aggravji li jirriżultaw fir-Rikors tal-appell mingħajr ma tgħid jekk hux l-ewwel, it-tieni, it-tielet (eċċ) aggravju. L-aggravji li ser isiru riferenza għalihom hawn taħt mhux bilfors ser isegwu l-ordni kif imsemmija fir-Rikors tal-appell tal-appellant.

**Ikkunsidrat**

Illi f'dak li jidher li huwa bħala l-ewwel aggravju l-appellant jargumenta li l-Ewwel Qorti kienet skorretta meta sabitu ħati taħt Artikolu 3 tal-Kapitolu 373 tal-Liġijiet ta' Malta. Jisħaq li meta l-Avukat Ġenerali ħareġ in-Nota ta' Rinviju għall-Ġudizzju huwa semma biss l-artikoli taħt il-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta u li, skont hu, l-Ewwel Qorti ma setgħet qatt issib ħtija *ai termini* ta' Kapitolu 373 tal-Liġijiet ta' Malta. Jilmenta li s-sentenza appellata hija nulla minħabba li sabet il-ħtija tiegħu abbażi ta' Artikoli li ma kienux fin-Nota ta' Rinviju għall-Ġudizzju tal-Avukat Ġenerali.

Illi din il-Qorti hija tal-fehma li tagħmel riferenza għal sentenza mogħtija fit-2 ta' Marzu 2021 fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Matthew Zarb** (Numru 156/2019) fejn din il-Qorti diversament preseduta qalet hekk:

"Dan huwa dak li ġara f'dan il-każ. Għalkemm inizzjalment l-Avukat Ġenerali kien ordna li l-appellant jiġi proċessat mill-Qorti Kriminali, sussegwentement ordna li l-imputat jiġi proċessat mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) Bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali u dan taħt l-Ordinanza u ċioè taħt il-Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta' Malta. L-Avukat Ġenerali ma kellu l-ebda obbligu li jindika taħt liema artikoli tal-Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta' Malta kien jidhirlu li għandha tinstab ħtija u għalhekk il-Qorti setgħet issib ħtija ta' artikoli taħt il-Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta' Malta, anke jekk dawn ma kienux indikati mill-Avukat Ġenerali." [emfażi miżjuda]

Illi din il-Qorti taqbel ma' dak hawn fuq ikkwotat u tagħmlu tagħha. Għal kull buon fini, din il-Qorti tinnota li meta l-Avukat Ġenerali bagħat in-Nota ta' Rinviju għall-Ġudizzju, apparti li huwa ndikat l-Artikoli tal-liġi li jemerġu minn Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, huwa ordna li l-appellant allura imputat jiġi pproċessat quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali fuq l-imputazzjonijiet miġjuba fil-konfront tiegħu għal ksur tal-provedimenti ta' Kapitolu 373 tal-Liġijiet ta' Malta. Minkejja li s-sentenza hawn fuq ikkwotata kienet fir-rigward ta' Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta' Malta, l-istess raġunament japplika fir-rigward ta' Kapitolu 373 tal-Liġijiet ta' Malta u b'hekk il-Qorti tapplika *mutatis mutandis* dak li ngħad fis-sentenza kkwotata għal dan il-każ. Minħabba f'hekk l-aggravju in eżami qed jiġi miċħud.

**Ikkunsidrat**

Illi f'aggravju ieħor l-appellant jilmenta mill-fatt li meta l-Ewwel Qorti tat id-deċiżjoni tagħha hija ma kinitx semgħet ix-xhieda kollha hija u li għalhekk din il-Qorti għandha tixtarr ix-xiehda mogħtija mill-*parte civile* b'aktar dettall.

Illi din il-Qorti tinnota li mill-verbal tas-seduta miżmuma quddiem l-Ewwel Qorti fit-23 ta' Frar 2016 (Vol. IV – *a fol.* 1306), il-partijiet eżentaw lill-Ewwel Qorti milli terġa' tisma x-xhieda mill-

ġdid. Minbarra dan, il-punt in eżami qatt ma tqajjem quddiem l-Ewwel Qorti u dana minkejja li nżammu numru ta' seduti quddiem l-Ewwel Qorti li tat is-sentenza appellata wara li hija ġiet eżentata milli tisma' x-xhieda mill-ġdid. Din il-Qorti tagħmel riferenza għas-sentenza mogħtija fl-24 ta' Frar 2022 fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Yarik Farrugia** (Numru 452/2021) fejn din il-Qorti diversament preseduta qalet hekk:

> "Din il-Qorti m'għandha l-ebda diffikulta' tiddikjara illi bis-silenzju tiegħu għal xhur sħaħ, b'diversi differimenti l-appellant impliċitament ta' l-kunsens tiegħu li jissana l-atti wara l-bidla tal-Maġistrat u b'hekk eżenta lill-Qorti mill-bżonn illi terġa' tisma' l-provi mill-ġdid."

Illi, in vista ta' dak li ngħad hawn fuq, l-aggravju in eżami ser jiġi miċħud ukoll.

**Ikkunsidrat**

Illi f'<u>aggravju ieħor</u> l-appellant jilmenta mill-fatt li waqt it-trattazzjoni quddiem l-Ewwel Qorti d-difensur tiegħu kien ġie mwaqqaf ripetutament minn distrazzjonijiet li seħħew fl-awla u li l-istess difensur kien issuġġerixxa li t-trattazzjoni tiġi posposta għal ħin jew ġurnata oħra iżda din it-talba ma ntlaqgħatx.

Illi dak allegat mill-appellant ma jirriżultax mill-verbal tas-seduta miżmuma fit-18 ta' Lulju 2016 (Vol. IV – *a fol.* 1317). L-ilment seta' faċilment jiġi verbalizzat fil-verbal tas-seduta msemmija. Minħabba li l-ilment in kwistjoni tqajjem biss quddiem din il-Qorti u ma hemmx prova tiegħu quddiem l-Ewwel Qorti u meħud in konsiderazzjoni s-sentenza mogħtija mill-Qorti Kostituzzjonali fis-6 ta' Ottubru 2020 (Vol. IV – *a fol.* 1388 *et seq.*) b'hekk l-aggravju in kwistjoni qed ikun miċħud ukoll.

**Ikkunsidrat**

Illi <u>aggravju ieħor</u> huwa marbut mal-fatt li skont l-appellant li l-Ewwel Qorti ma setgħetx issibu ħati ta' misapproprjazzjoni

minħabba li fl-imġieba tiegħu wieħed ma jsibx dawn l-elementi anzi wieħed isib l-elementi tar-reat ta' serq.

Illi din il-Qorti tibda billi tagħmel riferenza għas-sentenza mogħtija fl-14 ta' Lulju 2020 fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Aloisia Mifsud Grech** (Numru 195/2019) fejn din il-Qorti diversament preseduta qalet hekk:

> "Fis-sentenza fl-ismijiet "**The Police (Inspector Angelo Gafa') vs. Artur Arakelyan, 43 years, son of Robert and Elmira neé Vardanyan, born in Yerevan, Armenia, on the 11th. February 1970, residing at 72/2, Duke Apartments, Victor Denaro Street, Msida, and holder of Maltese ID Card Number 18658A and Armenian Passport Number AG0644567 issued in Armenia on the 2nd. of February 2006"**[1] ġie kkunsidrat li:
>
> > "In a judgment delivered by the Court of Magistrates (Gozo) it was decided:
> >
> > "Skont ġurisprudenza kostanti u anke skond awturi, ġeneralment huwa ritenut li l-estremi ta' dan r-reat ta' approprjazzjoni indebita huma dawn li ġejjin:
> >
> > 1. Illi l-pussess tal-ħaġa jkun ġie trasferit lis-suġġett attiv tar-reat volontarjament mill-proprjetarju jew detentur, ikun min ikun. Jiġi speċifikat hawnhekk biex ma jkunx hemm ekwivoċita', li l-konsenja da parti tal-proprjetarju jew detentur lil aġent jew lis-suġġett attiv tad-delitt, trid tkun magħmula *con l'animo di spostarsi del possesso*, għax altrimenti jiffugura mhux r-

[1] Deċiża mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali fis-17 ta' Lulju 2013 (Numru: 77/2019).

reat tal-approprjazzjoni ndebita, imma s-serq.

2. Illi t-trasferiment tal-pussess ma jridx wkoll ikun jimporta t-trasferiment tad-dominju ċioè tal-proprjeta' għaliex f'dan il-każ ma jiffugurax l-element tal-azzjoni ndebita.

3. Illi l-oġġett irid ikun mobbli;

4. Illi l-konsenjatarju in vjolazzjoni tal-kuntratt jagħmel tiegħu l-ħaġa ċioè japproprja ruħu minnha, jew jbiegħha, jew jiddistruġġiha *a proprio commodo o vantaggio*;

5. Irid ikun hemm wkoll l-intenzjoni tas-suġġett attiv tar-reat li japproprja ruħu mill-oġġett li jkun jaf li huwa ta' ħaddieħor" (The Police vs Marbeck Cremona – 15/02/2007)."

Illi fis-sentenza mogħtija fid-9 ta' Ġunju 1998 fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Enrico Petroni et**, il-Qorti tal-Appell Kriminali (Sede Inferjuri) għaddiet sabiex telenka l-elementi essenzjali li jsawwru r-reat ta' approprjazzjoni indebita. Hija qalet hekk:

> "Dana r-reat iseħħ meta wieħed (1) jirċievi flus jew xi ħaga oħra mingħand xi ħadd; (2) bl-obbligu li jrodd dawk il-flus jew dik ix-xi ħaġa lura jew li jagħmel użu minnhom b'mod speċifiku; (3) u minflok ma jagħmel hekk idawwar dawk il-flus jew dak l-oġġett bi profitt għalih jew għal ħaddieħor".

Illi dwar id-distinzjoni bejn ir-reat ta' serq u approprjazzjoni indebita, fis-sentenza appena ċitata ngħad hekk:

> "Ir-reat ta' approprjazzjoni indebita jiddistingwi ruħu mir-reat ta' serq għax l-oġġett li jkun jiġi mogħti lill-aġent volontarjament u mhux jittieħed kontra l-volonta' jew mingħajr il-kunsens tad-detentur; u jiddistingwi ruħu wkoll mit-truffa għax id-detentur tal-ħaġa ma jiġix ingannat permezz ta' raġġiri jew artifizji biex jitlaq minn idejh dik il-ħaġa favur l-aġent."

Illi fil-każ odjern jirriżulta li l-appellant kellu f'idu l-*internet banking key* u li din ingħatatlu liberament mis-sid tal-kumpanija sabiex ikun jista' jħallas il-kontijiet tal-kumpanija. Din il-Qorti ma taqbilx ma l-appellant meta jgħid li huwa kkommetta serq minħabba li ħa l-flus kontra l-volonta' tas-sid. Bil-kontra, is-sid taħ aċċess għal flus volontarjament u dana dejjem bil-ħsieb li dawn kellhom jintużaw sabiex jitħallsu l-kontijiet.

Illi lanqas ma jista' jingħad li l-aċċess għal flus kien jikkomporta t-trasferiment tad-dominju minħabba li s-sid ma għaddiex il-flus lill-appellant iżda tah aċċess għalihom. Dan jirriżulta mill-fatt li fix-xiehda mogħtija minn Jovine Genovese fis-seduta tat-8 ta' Ottubru 2009 (Vol. I: *a fol.* 92) huwa jispjega li fir-rigward tat-tranżazzjonijiet indikati minnu huwa qatt ma ta l-kunsens tiegħu għalhekk il-flus li ntefqu mill-appellant kienu għadhom proprjeta' tal-kumpanija. Jirriżulta wkoll li l-appellant għamel tiegħu l-flus b'dana illi huwa nefaqhom kif ried u għoġbu u b'hekk approprja ruħu mill-flus li kien jaf li kienu tal-*parte civile*. In vista ta' dan, din il-Qorti hija tal-fehma li l-Prosekuzzjoni korrettement xliet lill-appellant bir-reat ta' approprjazzjoni indebita u għalhekk dan l-aggravju in eżami ser jiġi miċħud wkoll.

**Ikkunsidrat**

Illi l-appellant iressaq ukoll <u>aggravju</u> dwar il-mertu. Qabel ma tibda bl-istħarriġ tagħha dwar dan l-aggravju, din il-Qorti tinnota li huwa ben magħruf li hija ma tiddisturbax id-diskrezzjoni tal-Qorti tal-Maġistrati sakemm din tkun waslet għall-konklużjoni tagħha legalment u raġonevolment. F'dan ir-rigward il-Qorti tagħmel riferenza għas-sentenza mogħtija fis-17 ta' Ġunju 2019 fl-

ismijiet **Il-Pulizija vs. Joseph Apap** (Numru 58/2018) fejn din il-Qorti diversament preseduta qalet hekk:

> "In primis, jingħad li hu prinċipju stabbilit fil-ġurisprudenza ta' din il-Qorti li din il-Qorti ma tiddisturbax l-apprezzament dwar il-provi magħmul mill-Ewwel Qorti jekk tasal għall-konklużjoni li dik il-Qorti setgħet raġonevolment u legalment tasal għall-konklużjoni li waslet għaliha. Fi kliem ieħor, din il-Qorti ma tbiddilx id-diskrezzjoni fl-apprezzament tal-provi magħmula mill-Ewwel Qorti, iżda tagħmel apprezzament approfondit ta' l-istess biex tara jekk l-Ewwel Qorti kinitx raġonevoli fil-konklużjoni tagħha. Jekk din il-Qorti tasal għall-konklużjoni li l-Ewwel Qorti, fuq il-provi li kellha quddiemha, ma setgħetx raġonevolment tasal għall-konklużjoni li waslet għaliha, allura dik tkun raġuni valida, sabiex tbiddel dik id-diskrezzjoni u konklużjoni."

Illi l-appellant jilmenta li din il-Qorti għandha tistħarreġ aktar fid-dettall ix-xiehda mogħtija mill-partijiet stante li l-Ewwel Qorti ma semgħetx il-provi kollha hija. Għal kull buon fini jingħad li din il-Qorti fliet bir-reqqa x-xiehda u d-dokumenti li jinsabu fl-atti proċesswali.

Illi l-appellant jargumenta li l-Ewwel Qorti kienet żbaljata fl-evalwazzjoni tal-fatti u li kellha tirrikonoxxi minflok li Vincenzo Giuliano kien xhud inaffidabbli. Waqt ix-xiehda tiegħu, l-appellant ammetta li gawda mill-flus tal-kumpanija iżda dan sar bil-kunsens tas-sid tal-kumpanija. Jispjega li huwa uża l-kont ta' missieru sabiex jiffaċilita l-possibbilta' ta' rendikont. Ikompli jgħid li fiċ-ċirkostanzi tal-każ, bil-metodi grossolani wżati, iċ-ċifra in kwistjoni kellha tinqabad minn min għandu l-obbligu li jsegwi t-tranżazzjonijiet. Jirreferi għal fatt li l-*accountant* kien ġibed l-attenzjoni lis-sid tal-kumpanija dwar nuqqas ta' qbil fir-rendikonti. F'dan ir-rigward is-sid wieġeb li bħas-soltu l-flus li ma setgħux jiġu rikonċiljati kienu qegħdin għand is-sid. Skont l-appellant dan jikkorrobora dak li qal huwa. L-appellant jirreferi

wkoll għad-diskrepanzi fix-xiehda ta' Vincenzo Giuliano meta dan jgħid li hu (l-appellant) kien l-aktar li nefaq flus meta huwa kien imsiefer l-Italja. Jispjega li dan mhux minnu għax kif sabet l-Ewwel Qorti dawn it-tranżazzjonijiet inbdew ftit wara li beda jaħdem mal-*parte civile* u komplew sejrin sakemm spiċċa jaħdem. L-appellant jirreferi wkoll għad-dikjarazzjonijiet li bl-aġir tiegħu huwa ġab is-soċjeta' viċin il-falliment. Skont l-appellant dan jiġi imgiddeb mill-*audited accounts* tal-kumpanija li saħansitra fis-sena 2008 qassmet *dividend* u fis-sena 2009 għamlet qliegħ ta' €399,480.

Illi fix-xiehda tiegħu l-appellant jistqarr li huwa għamel dak li għamel fuq talba tas-sid tal-kumpanija. Waqt ix-xiehda tiegħu, l-appellant jgħid li huwa kien jiġbed il-flus *cash* u jgħaddihom lis-sid tal-kumpanija. Din il-Qorti fliet bir-reqqa r-rendikonti li ġew ippreżentati mir-rappreżentant tal-bank HSBC (Vol. III: Dok. "GS" - *a fol.* 821 *et seq.*). Kif jgħid l-istess xhud Godwin Spiteri fix-xiehda tiegħu mogħtija fis-16 ta' Diċembru 2011 (Vol. III: *a fol.* 817):

> "Il-*withdrawals* saru kollha f'ammonti frekwenti minn ATM's normalment pero' hemm *particular payments* lil ċerti nies. Hawn l-ismijiet tagħhom hawnhekk huma komuni *in various cases.*"

Illi din il-kondotta tmeri dak li xehed l-appellant minħabba li jekk wieħed kellu jemmen il-verżjoni tiegħu din il-Qorti kienet tistenna li tara *withdrawals* ta' ċifri viċin dak li kien iddepożita fil-kont tal-missieru u mhux litanija ta' *withdrawals*. Fil-fehma ta' din il-Qorti dan juri li l-appellant kien qed jonfoq dawn il-flus daqs li kieku l-għada x-xemx ma kinitx ser titla'!

Illi din il-Qorti lanqas ma ssib li hija kredibbli l-verżjoni li jagħti l-appellant fejn jgħid li huwa uża l-kont ta' missieru biex jiffaċilita r-rendikont tal-flejjes. Jibda billi jingħad li ma kinitx tagħmel differenza x'kont wieħed juża' sabiex isir rendikont minħabba li jekk jintuża' l-istess kont ikun sempliċi jsir tali rendikont. Apparti minn dan, din il-Qorti hija tal-fehma li l-appellant uża l-kont ta' missieru biex ma jidhirx direttament ismu. Frott ta' dan l-appellant kien irnexxielu jaħrab mill-kweżit magħmul mill-

*accountants* tal-kumpanija. Dan huwa suffragat minn dak li jgħid Pierre Mangion (in rappreżentanza tal-*business administrator* tal-parte leża, GMM & Associates) fix-xiehda mogħtija minnu fis-seduta tal-20 ta' Jannar 2010 (Vol. II: *a fol.* 418 *et seq.*) meta għad-domanda magħmula dwar żewġ pagamenti jingħad li l-appellant wieġeb li waħda minnhom kienet rebħa ta' ċertu E. Vella l-Italja waqt li t-tieni waħda kienet għal xiri ta' *hardware* (Vol. II: *a fol.* 422). Fil-fehma ta' din il-Qorti dan juri b'mod determinanti li l-appellant kien qed jaħbi l-passi tiegħu. Tajjeb jingħad li l-appellant kien f'pożizzjoni ideali sabiex jagħmel dan. Fuq dan il-punt din il-Qorti taqbel ma' dak li qalet l-Ewwel Qorti dwar il-metikolożita' tal-pjan tal-appellant. Dan ma jfissirx li dan il-pjan kien *full-proof* iżda jfisser li kien hemm ċertu ħsieb.

Illi dwar l-*email* tas-sid tal-kumpanija indirizzata lill-*accountant* fejn dan jgħid li l-flus nieqsa qegħdin għandu jingħad li dan ma jurux dak li qed ipinġi l-appellant. Anzi, dan pjuttost juri li s-sid tal-kumpanija kien konxju minn nuqqasijiet tal-kumpanija iżda ma kienx f'pożizzjoni sa dak il-mument li jsolvihom. Tajjeb jingħad li fl-*email* ma hemm kwantifikazzjoni ta' kemm kienu l-ammonti.

Illi minn lenti oħra din il-Qorti tikkunsidra anzi li din it-tweġiba iġġib fix-xejn l-argument tal-appellant li kien jiġbed il-flus fuq it-talba tas-sid u li din l-*email* hija prova ta' dan. Din il-Qorti tistaqsi: li kieku huwa vera li s-sid kien qed jiġbed il-flus mill-kumpanija u qed jiddikjara dan fil-kontijiet, xi bżonn kien hemm li jgħaddi mis-sottorifuġju fejn jitlob lill-appellant jiġbidhom bil-moħbi? Ma hemm l-ebda sens f'dan u għalhekk din il-Qorti hija tal-fehma li l-verżjoni mogħtija mill-appellant ma għandhiex mis-sewwa.

Illi l-appellant isemmi wkoll li l-ammont ta' flus li huwa ġibed fiż-żmien qasir li huwa kien jaħdem mal-*parte civile* kellha bilfors tiġbed l-attenzjoni ta' xi ħadd. Din il-Qorti żżid tgħid li, kif spjega l-*accountant* tal-kumpanija oriġinarjament, l-informazzjoni li kien ikun hemm fil-pagamenti li jsiru 24/7 kienet ferm niexfa u minnha ma setgħux jisiltu l-informazzjoni neċessarja sabiex jivverifikaw ċertu fatti. Fil-fatt fix-xiehda tiegħu mogħtija fl-20 ta' Jannar 2010

(Vol. II: *a fol.* 418 *et seq.*) Pierrie Mangion jgħid li din l-informazzjoni żdiedet biss fis-sena 2008.

Illi dwar l-argument tal-appellant dwar il-kontijiet tal-kumpanija, din il-Qorti tinnota li dan l-argument huwa intiż sabiex jirribatti l-argument tal-*parte civile* li hija ffaċċjat problemi finanzjarji minħabba l-aġir tiegħu (tal-appellant). Dwar dan din il-Qorti tinnota li fis-sena 2009 il-kumpanija ħadet self ta' €112,159 (Vol. IV: *a fol.* 1249). Fil-fehma ta' din il-Qorti dan juri ċerta diffikulta' mill-*parte civile*. Xi bżonn kellha tieħu self kieku ma naqqsulhiex dawk il-flejjes? Minbarra dan jekk wieħed iqis li fis-sena 2008 għamlet profitt ta' €712,201 meta mqabbel mas-sena 2009 dan naqas kważi bin-nofs (Vol. IV: *a fol.* 1251). Fil-fatt hemm jidher ċar l-effett tal-appellant fuq il-kontijiet tal-kumpanija.

Illi, tenut kont ta' kollox, din il-Qorti ma tikkunsidrax li l-*parte civile* kienet inkonsistenti dwar il-fatti prinċipali tal-każ. Anzi, bil-kontra, fil-fehma ta' din il-Qorti l-verżjoni mogħtija mill-appellant mhijiex waħda kredibbli.

Illi l-Ewwel Qorti qalet sew meta fis-sentenza tagħha saħqet hekk (*a fol.* 1347):

> "Illi fid-dawl ta' dan l-insenjament u mill-provi prodotti f'dawn l-atti din il-Qorti tqis li l-Prosekuzzjoni irnexxilha tipprova sal-grad rikjest u ċioè dak ta' minghajr dubbju dettat mir-raguni li l-imputat Vella xjentement u konsapevolment irriċikla flejjes ta' provvenjenza illeċita', u b'hekk sar ħati ta' *money laundering*. Dan hu każ fejn il-flejjes riċiklati kienu jikkonsistu fir-rikavat tar-reat ta' approprijazzjoni indebita għad-detriment ta' CBM Bookmaker International Limited u Mediabet International Ltd, liema reat ġie mwettaq minnu stess."

Għalhekk l-Ewwel Qorti setgħet legalment u raġonevolment issib ħtija fl-appellant u konsegwentement din il-Qorti ma ssib l-ebda raġuni sabiex iddawwar is-sentenza ta' ħtija fil-konfront tal-appellant hekk kif deċiż mill-Ewwel Qorti.

Illi għal kull buon fini jingħad li waqt is-sottomissjonijiet li saru bil-fomm quddiem din il-Qorti diversament preseduta, il-konsulent legali tal-appellant qal li l-Prosekuzzjoni f'dan il-każ tat żewġ *predicate offences* li huma l-approprjazzjoni indebita u/jew il-frodi. Jisħaq li s-serq ma ssemma qatt. Jgħid ukoll hekk (Vol. IV: *a fol.* 1745): *"Issa huwa minnu li għal fini ta' sejbien ta' ħtija taħt money laundering ma hemmx għalfejn tiġi pruvata l-predicate offence u jkun hemm is-sejbien ta' ħtija dwar il-predicate offence, pero' d-dikjarazzjoni ta' x'inhi predicate offence hija meqjusa sine qua non skont is-sentenza ta' Vella. Di fatti f'ta' Vella proprju għax l-Avukat Ġenerali fl-Att ta' Akkuża ma kienx iddikjara x'inhi l-predicate offence, ħalliha in vacuum, l-Att tal-Akkuża ġie ddikjarat null."* Dwar dan din il-Qorti filwaqt li jirriżultalha li l-Ewwel Qorti astjeniet milli tieħu konjizzjoni ulterjuri tat-tielet (3) imputazzjoni (dik ta' frodi), jirriżultalha wkoll li l-imsemmija Qorti sabet ħtija fl-imputazzjonijiet l-oħra, inkluż dik ta' misapproprjazzjoni. Meta dan jittieħed in konsiderazzjoni nkluż il-fatt li aktar 'il fuq f'din is-sentenza ngħad li l-Prosekuzzjoni korrettement xliet lill-appellant bir-reat ta' approprjazzjoni indebita li tiegħu huwa nstab ħati, b'hekk dak imsemmi f'dan il-paragrafu rigward dak sottomess quddiem din il-Qorti diversament preseduta u kif ġie ċitat ma jkollux aktar rilevanza.

**Ikkunsidrat**

Illi <u>aggravju ieħor</u> tal-appellant huwa dwar il-piena erogata mill-Ewwel Qorti fejn jisħaq li *"hija manifestament eċċessiva fiċ-ċirkostanzi jekk mhux li tmur oltre mill-parametri tal-liġi kif jintwera waqt it-trattazzjoni tal-appell"* (Vol. IV: *a fol.* 1360). Għandu jingħad li fis-sottomissjonijiet bil-fomm li saru quddiem din il-Qorti diversament preseduta, il-konsulent legali tal-appellant ilmenta li l-Ewwel Qorti ma ddikjaratx liema sub-inċiż applikat ta' Artikolu 17 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Illi dwar il-piena din il-Qorti tagħmel riferenza għas-sentenza mogħtija fl-20 ta' Diċembru 2022 fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Wajdi Lazhir Benhamed** (Numru 386/2022) fejn din il-Qorti diversament preseduta qalet hekk:

> "10. Issa, għal dak li jirrigwarda appelli minn piena, huwa paċifiku li sabiex Qorti tal-Appell tibdel il-piena li tkun erogat l-ewwel Qorti, irid jirriżultalha li tali piena tkun żbaljata fil-prinċipju jew manifestament eċċessiva. [...]
>
> 11. Mill-banda l-oħra din il-Qorti trid tagħmel l-evalwazzjoni tagħha dwar jekk il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) applikatx piena li kienet manifestament eċċessiva meta wieħed jieħu kont ukoll tal-aspetti retributtivi u preventivi tas-sentenza emessa minnha."

Illi din il-Qorti tagħmel tagħha dak hawn fuq ikkwotat. Ma' dan din il-Qorti żżid tgħid li filwaqt li kien ikun aħjar kieku l-Ewwel Qorti speċifikat liema sub-artikolu ta' Artikolu 17 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta ħadet in konsiderazzjoni meta ġiet biex taħdem il-piena, pero' in-nuqqas li ssemmi s-sub-Artikolu in kwistjoni ma għandux jiġi kkunsidrat bħala żball.

Illi meta din il-Qorti ħadet in konsiderazzjoni l-imputazzjonijiet li tagħhom l-appellant instab ħati mill-Ewwel Qorti u l-piena għalihom fiż-żmien li seħħew u meta ħadet in konsiderazzjoni wkoll l-fatt li l-Ewwel Qorti kkunsidrat Artikolu 18 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta (apparti Artikolu 17 tal-istess Kapitolu msemmi) jirriżultalha li l-piena erogata mill-Ewwel Qorti ma tmurx oltre mill-paramentri tal-liġi kif jgħid l-appellant.

Illi dwar il-piena din il-Qorti ser tieħu in konsiderazzjoni, fuq naħa waħda:

- is-serjeta' ta' dak li l-appellant allura imputat ġie misjub ħati tiegħu mill-Ewwel Qorti,
- il-fatt li huwa baqa' ma ammettiex il-ħtija tiegħu anzi ħareġ bi storja inverosimili sabiex jiġġustifika l-azzjonijiet tiegħu,

u fuq in-naħa l-oħra:

- l-eta' tiegħu meta wettaq dak li għamel,

- il-piena li kienet fis-seħħ fis-sena 2009,

- il-fedina penali aġġornata tal-appellant li ġiet eżebita fis-seduta tas-26 ta' Mejju 2023 minn liema jirriżulta li din il-fedina penali baqgħet netta għajr għall-imputazzjoni waħda li tmur lura għas-sena 2010 fejn l-appellant kien ġie kkundannat iħallas multa peress li kien naqas milli jħares il-kondizzjonijiet imposti fuqu mill-Qorti fid-digriet meta huwa ngħata l-ħelsien mill-arrest taħt garanzija,

- il-fatt li l-appell tal-appellant ilu pendenti sa minn Diċembru 2016 u

- in-Nota ta' Riferenzi tal-appellant.

Illi, tenut kont ta' dak hawn fuq espost, din il-Qorti jidhrilha li għandu jkun hemm temperament fil-piena sabiex dak imwettaq mill-appellant ikun rifless f'piena aktar ekwa u ġusta għaċ-ċirkostanzi ta' dan il-każ. B'hekk din il-Qorti ser tnaqqas kemm il-multa erogata mill-Ewwel Qorti u kif ukoll it-terminu ta' priġunerija li huwa ġie kkundannat jiskonta, liema terminu għandu jibqa' wieħed effettiv.

**Decide**

Għal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeċiedi billi tilqa' *in parte* l-appell imressaq mill-appellant Vincent Etienne Vella u tgħaddi għalhekk biex tirriforma s-sentenza appellata billi:

- tħassar u tirrevoka dik il-parti tas-sentenza appellata fejn l-appellant ġie kkundannat għaxar snin priġunerija u fejn ġie kkundannat iħallas multa ta' ħamsa u disgħin elf Euro (€95,000) u minflok tikkundanna lill-appellant ħames (5) snin priġunerija u multa ta' ħamsa u ħamsin elf Euro (€55,000);

- tikkonferma l-bqija tas-sentenza tal-Ewwel Qorti.

Finalment, il-Qorti tordna li din is-sentenza tiġi notifikata lill-Kummissarju tal-Pulizija u dana minħabba l-istess raġuni msemmija mill-Ewwel Qorti fil-paragrafu ta' qabel tal-aħħar tas-sentenza appellata.

**Onor. Dr. Neville Camilleri**
**Imħallef**

**Alexia Attard**
**Deputat Reġistratur**